

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.7295 — Parkwind/Aspiravi Offshore/Summit Renewable Energy Northwind/Northwind)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 227/13)

1. FL-10 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriżi Parkwind NV ("Parkwind" tal-Belġju), Aspiravi Offshore ("Aspiravi" tal-Belġju) u Summit Renewable Energy Northwind ("Summit" tar-Renju Unit) se jakkwistaw, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll konġunt tal-impriża Northwind NV ("Northwind" tal-Belġju), permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Parkwind hija veikolu tal-investiment u l-iżvilupp tal-Korys/Colruyt Group u PMV. L-aktività prinċipali tal-Korys/Colruyt Group hija l-bejgħ bl-imnun ta' oġġetti ta' kuljum lill-konsumatur. PMV hija kumpanija ta' investimenti indipendenti kkontrollata mill-gvern reġjonali Fjamming,
- Aspiravi hija sussidjarja 100 % ta' Aspiravi Holding. L-unika attivitā attwali ta' Aspiravi Offshore hija l-pusseß ta' sehem f'Northwind. Aspiravi Holding hija indirettamente ikkontrollata mill-muniċipalijiet Belġjani,
- Summit ġiet stabbilita bħala strument b'għan speċjali għall-fini tal-konċentrazzjoni proposta u hija kollha proprjetà sussidjarja indiretta ta' Sumitomo Corporation. Sumitomo Corporation hija attiva fit-tħaddim u l-kostruzzjoni ta' turbini tar-riħ fil-Ġappu, iċ-Ċina, l-Istati Uniti u l-Afrika t'Isfel,
- Northwind għandha l-permess u l-liċenzji meħtieġa biex topera park eoliku lil hinn mill-kosta ta' 216 MW fizi-Żona Ekonomika Esklussiva Belġjana fil-Baħar tat-Tramuntana.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikkazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea bil-faks (+32 22964301) jew b'email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7295 — Parkwind/Aspiravi Offshore/Summit Renewable Energy Northwind/Northwind, f'dan l-indirizz:

European Commission
 Directorate-General for Competition
 Merger Registry
 1049 Bruxelles/Brussel
 BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.